MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru. 329/2010

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**MARK AZZOPARDI**

**Illum 22 ta' Novembru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mark Azzopardi imwieled fil-25 ta' Mejju 1979, bin Charles u Natalina nee' Scerri residenti 'Vigilante Apartments', Flat 6A, Triq Agius de Soldanis, Nadur Ghawdex, akkuzat talli;

1. Waqt li kien b'senter ta' l-ghamla Benelli s/n E06009-00 waqt stagun miftuh ghal kacca minn fuq il-bahar ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti

jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjnijiet ta' kull licenzja li tinghata tahta;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew xi parti minn ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huwa pprojbit taht dawn ir-regolamenti, hlief skont iddisposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

3. Talli waqt stagun miftuh ghal kacca fuq il-bahar waqt li kien b'dinghy numru tar-registrazzjoni S 17634 ikkaccja jew pprova jikkaccja f'distanza ta' anqas minn tlett kilometri mix-xatt;

4. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kellu arma ta' l-ghamla Benelli s/n E06009-00 tieghu aktar minn zewg skratac fil-magazin;

5. Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi waqt li kien ghal kacca b'senter ikkargat fuq il-bahar saq dinghy nru tar-registrazzjoni S 1764 b'velocita' ta' aktar minn tmintax (18) il-kilometru fis-siegha.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat ;

Illi rrizulta mill-provi prodotti li l-imputat u l-persuna l-ohra li kien hemm mieghu, cioé James Grech, kienu lebsin lbies *Camouflage* u li dawn marru jistahbew wara blata kbira wara li, skond PS 257 Godwin Scerri, *"ahna qaribna lejn dan id-dinghy u kif dawn indunaw bil-prezenza taghna dehru jidhlu wara blata kbira"*. Jirrizulta li l-imputat u James Grech nqabdu jarmu xi skratacc tal-kacca fil-bahar u li, skond ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, nstabu *"ezatt hdejn id-dghajsa"* zewgt gawwijiet mejta u sturnell. Ma rrizulta l-ebda *decomposition* fuq dawn l-ghasafar u rrizulta li ma kienx ilhom li gew maqtula.

Minn qari mehud mill-*GPS* minn PS 257 Godwin Scerri irrizulta li fejn dan ittiehed ma kienx aktar minn 25 metru l-boghod mix-xatt ta' Dahlet Qorrot.

**Ikkunsidrat**

Illi mhijiex sodisfatta xejn mill-verzjoni moghtija minn l-imputat u minn James Grech.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bl-aktar mod car, u minghajr dubju, li l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat huma pruvati. Mhux l-istess jinghad jista' jinghad fir-rigward tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mit-tielet u mill-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 4(1)(e), u 18(2)(b) tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' seba' mitt Euro (€ 700).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------